MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 267/2005

**Avviz numru 267/05DM**

**K.D. Commercials Ltd (C-17249)**

**Vs**

**Kids Line Limited (C 25614)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u tmien mitt lira Maltin (Lm3,800) rappresentanti bilanc dovut fuq bejgh ta' 'Electric Fork Lifter 1.6 complete with side shift, full free lift and triple' rikjest mill-kumpanija konvenuta u lilha debitament ikkunsenjat fis-26 ta' Ottubru, 2004, liema bilanc baqa ma thallasx, minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ta' l-20 ta' April, 2005, u tas-27 ta' April, 2005 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti

b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra ta' danni spettanti lis-socjeta' attrici, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu ebda rapprezentant biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet ukoll bil-gurament lil Anthony Borg prodott mill-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qeghda tilqa' it-talba attrci u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef u tmien mitt lira Maltin (Lm3,800) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Ottubru, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------